MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Numru. 670/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**GEORGE FARRUGIA ta’ 50 sena, iben Emanuel u Teresa xebba Polidano, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-5 ta’ April, 1962, residenti fil-fond numru 21, Gesu Redentur, Triq San Gwann, Birzebbuga, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 253362M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **George Farrugia** li gie akkuzat talli nhar is-27 ta’ Lulju, ghall-habta tad-9.30am, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birzebbuga, u gewwa Triq Zibra u Triq il-Kartaginizi:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqisx vjolenza pubblika kontra PS 645 Gerald Attard u PC 829 Alan Dougall, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 645 Gerald Attard u PC 829 A Dougall, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq PC 829 Alan Dougall, u dan skond kif iccertifika Dr Renzo Degabriele MD mill-Klinika ta' Rahal Gdid;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor, u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

U aktar talli fis-27 ta' Lulju, ghall-habta ta' 6.30am, gewwa r-residenza numru 21, Gesu Redentur, Triq San Gwann, Birzebbuga:

1. Ikkaguna griehi li setghu jkunu gravi fuq il-persuna ta' Rodianne Farrugia;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok hebb ghat-tifla tieghu Rodianne Farrugia ta’ 19-il sena biex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmillha hsara.

Rat li l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ghal proceduri sommarji mibghut mill-Avukat Generali (Dok A folio 8), dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat li aktar tard fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-imputat kien fil-fatt irregistra ammissjoni li zamm ferm meta gie moghti z-zmien sabiex jerga’ jahseb fuq l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi rat ukoll id-dokument ML a folio 70 – Pre-Sentencing Report, ezebit minn Marietta Lanzon, appozitament nominata. Hemm hi kkonkludiet illi minhabba l-imgieba ta’ l-imputat ma kinitx immiljorat bizzejjed, tant illi l-istess ufficjal tal-Probation irrakkomandat illi: “*Ghalhekk jista’ jkun ghaqli li George Farrugia jigi assessjat minn psikjatra sabiex jekk ikun hemm bzonn, jiehu l-kura necessarja*.” (folio 82).

Semghet ukoll ghalhekk lil Dr Edward Curmi li pprezenta r-relazzjoni tieghu fejn a folio 122 ta’ l-istess ta l-konkluzjonijiet tieghu. Senjalament kien tal-parir illi l-imputat kellu jaghmel xoghol volontarju fil-komunita’.

Ghandu jigi wkoll rilevat illi bint l-imputat hafret lil missierha dwar l-incident de quo. Jigi rilevat ukoll illi Dr Renzo Degabriele xehed illi l-feriti sofferti minn Alan Dougall kienu ta’ natura hafifa.

Illi in vista’ ta’ l-ammissjoni registrata, din il-Qorti qieghda ssib lil George Farrugia hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u cioe’ wara li rat l-Artikoli 94, 95, 96, 221, 338, 339, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset ukoll il-fedina penali tieghu, u tikkundannah ghal piena ta’ sitt xhur habs sospizi ghal sentejn, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tqieghdu wkoll that Ordni ta’ Supervizjoni ghal sentejn(2) b’dan illi huwa ghandu jkun taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-Probation in vista’ ta’ kull programm li hu jigi ndirizzat jaghmel, specjalment kontra l-vjolenza domestika. L-Ufficjal tal-Probation li ser ikun qieghed isegwi lill-imsemmi George Farrugia ghandu kull xahrejn(2), jirrelata bil-miktub dwar l-andament tas-Sur Farrugia tul din l-Ordni ta’ Supervizjoni.

George Farrugia qed jigi wkoll ordnat illi jzomm kuntatt regolari mal-Psikjatra Edward Curmi jew psikjatra iehor lilu ndikat, u dan tul din l-Ordni ta’ Supervizjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------